# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 30 ta' April 2024**

**Kawża Numru: 15**
**Rikors Guramentat Numru:- 1000/2019JVC**

**1. Mariano Cassar (K.I. 839946M)**
**2. Modesta Camilleri (K.I.363763M)**
**3. Rita Zammit (K.I. 141566M)**

**vs**

**1. Joseph Cassar (K.I. 700553M)**
**2. Romano Cassar (K.I. 1001944M)**
**3. George Cassar (K.I. 0030049M) u b'digriet datat 22 ta' Settembru 2020 gie kjamat fil-kawza Ivan Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti li jaqra kif isegwi:

'Illi l-kontendenti partijiet huma l-proprjetarji tal-art maghrufa 'Tal-Hammieri' komposta minn razzett bl-ghelieqi u gwiebi ta' mieghu li jgibu l-indirizz 90 u 94, Triq ix-Xitwa, Qormi.

Illi din l-art kienet originarjament proprjeta' ta' Romano u Modesta konjugi Cassar u cioe' n-nanniet tal-kontendenti partijiet. Illi permezz ta' Att Divizorju datat tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u sittin (1960), Romano u Modesta konjugi Cassar taw sehem indiviz minn tliet ishma (1/3) lil Lawrence (missier il-kontendenti partijiet), Michele u Paolo (ahwa Cassar) kull wiehed.

Illi ghalhekk Lawrence Cassar kellu sehem parafernali ta' wiehed minn tliet ishma (1/3) mill-art in kwestjoni. Madankollu, Lawrence Cassar, xtraw ukoll r-rimanenti ishma tal-istess art minghand hut l-istess Cassar u cioe' minghand Michele u Paolo.

Illi dan ifisser illi eventwalment, Carmela Cassar kellha porzjon ta' wiehed minn tlett ishma (1/3) filwaqt li Lawrence Cassar kellu tnejn minn tliet ishma tal-art tieghu (2/3).

Illi wara l-mewt ta' Lawrence Cassar, l-ulied kontendenti wirtu sehem mil-porzjon paterna li tinkludi kemm dik parafernali kif ukoll nofs mis-sehem mixtri fil-komunjoni tal-akkwisti.

Illi ghaldaqstant, wara l-mewt ta' Lawrence Cassar il-kontendenti partijiet saru ko-prorjetarji tal-istess art (m'ommhom), b'dan illi l-ulied kontendenti kellhom zewg ishma minn wiehed u ghoxrin il-ishma (2/21) tal-art rispettivament waqt li ommhom kellha r-rimanenti porzjon ta' wiehed minn tliet (1/3) tal-art in-kwistjoni.

Illi bil-mewt ta' Carmelo Cassar (wiehed mill-ahwa Cassar), gara illi George Cassar wiret ukoll nofs is-sehem ta' Carmelo Cassar, b'dan il-porzjon total tal-art in kwestjoni ta' George Cassar kien jammonta ghal sehem minn sebgha ishma (1/7). In-nofs rimanenti ta' Carmelo Cassar intiret ugwalment bejn il-hames ahwa rimanenti. Dan ifisser illi l-porzjon total rispettiv tal-art in kwestjoni tal-ahwa rimanenti kien jammonta ghal hdax-il ishma minn mija u hames ishma (11/105).

Illi wara l-mewt ta' Carmela Cassar, il-kontendenti partijiet saru ko-prorjetarji tal-istess art b'dan illi sehem George Cassar kien jammonta ghal mija u wiehed minn sitt mija u tletin ishma (101/630).

Illi l-konvenuti jallegaw illi Carmela Cassar *(in vita)* kienet allokatilhom l-istess art b'titolu ta' kirja, liema konvenuti jsostnu illi huma dejjem hallsu l-kera u kollox huwa dokumentat f'librett appozitu, b'dan il-konvenuti qeghdin prezentement jokkupaw l-istess art b'dan l-allegat titolu ta' kirja.

Illi Carmela Cassar ma setghet qatt talloka l-ebda titolu ta' kera fuq din l-art billi hija biss ko-proppretarja, u dan hekk kif dettat minn diversa kazistika u dettam ta' din l-Onorabbli Qorti, u ghalhekk dan l-allegat titolu li sar favur il-konvenuti ma seta' qatt ikun wiehed validu u maghmul skond il-ligi.

Illi l-atturi ilhom jikkorrispndu mal-istess konvenuti f'dan is-sens, anke ufficjalment sabiex filwaqt illi jivvakaw mill-istess art, jaslu fi ftehim bonarju ghall-qasma ta' l-art in kwistjoni. Dan qieghed jinghad f'referenza ghall-ittra ufficjali datata tnejn (2) ta' ottubru, 2019.

Illi l-konvenuti qatt ma wrew bona fede biex jaslu ghall-ftehim bonarju ghall-qasma u ghalhekk huwa car u manifest illi l-konvenuti ghamlu minn kollox sabiex ma ssirx qasma bonarja bejn il-partijiet, u dan jikkuntrasta mal-attitudni ta' l-atturi li ghamlu minn kollox sabiex fil-fatt isehh ftehim amikevoli, tant illi sahansitra offrew numru ta' opportunitajiet lill-konvenuti sabiex jaslu ghal dan, izda dawn baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-atturi ma jhossux li huma ghandhom ibaghtu l-ispejjez ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-konvenuti, qeghdin jokkupaw l-art maghrufa '*Tal-Hammieri*' komposta minn razzett bl-ghelieqi u gwiebi ta' mieghu li jgibu l-indirizz 90 u 94, Triq ix-Xitwa, Qormi minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jizgumbraw mill-imsemmija art fi zmien qasir u perentorju li jigu lilhom prefiss.

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti responsabbli versu kwalnukwe dannu kkagunat lill-atturi a kawza tal-agir taghom.

4. Tiddikjara li l-porzjon t'art hawn fuq imsemmi huwa in komunjoni bejn il-kontendenti partijiet.

5. Tiddividi l-porzjon t'art hawn fuq imsemmi, okkorendo permezz ta' periti nominandi, fi kwoti ugwali, tenut kont tas-superfici, valur, accessibilita' u uzu tal-art.

6. Tassenja l-kwoti hekk divizi lill-kontendenti partijiet.

7. Tinnomina Nutar sabiex jircievi u jippublika l-att opportun u kuratur ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa huma ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Joseph Cassar li taqra kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok inkwantu t-talba ghad-divizjoni, l-eccipjenti jaqbel mat-talbiet numru 4, 5, 6 u 7 tar-rikors guramentat, prevja verifiki dwar is-sehem ta' kull wiehed mill-ko-propjetarji. *Di piu* l-eccipjenti jikkontesta li huwa jkun ikkundannat l-ispejjez ta' dana l-process in kwantu l-istess divizjoni ma' sehhitx minhabba pretenzjonijiet infondati li huma u cioe r-rikorrenti qed iressqu u li dejjem ezigew dwarhom waqt it-trattattivi.

2. Illi t-talbiet 1, 2 u 3 qed jigu kkontestati u dana minhabba illi l-esponenti jikkontendi li huma jgawdu minn titolu validu ta' kera kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza.

3. Illi konsegwentement l-imsemmija l-ewwel tlitt talbiet ghandhom jigu michuda u l-eccipjenti m'ghandhomx ikunu zgumbrati minn dik l-art li hija mikrija lilhom. Isegwi wkoll

ghalhekk li t-talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni ghandha wkoll tigi michuda.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez.'.

Rat ir-risposta tal-intimat Romano Cassar li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-fond in kwistjoni kien ilu mqabbel lill-Romano Cassar mill-1975 kif jirrizulta mill-kotba tal-qbiela li kopja taghhom qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument RC1** mill-uzufruttwarja u proprjetarja Carmela Cassar u konsegwentement l-intimat Romano Cassar ma jistax jigi zgumbrat mill-art, serrer, gwiebi u razzett 90 u 94, Triq ix-Xitwa, Qormi.

2. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-fond u ambjenti in kwistjoni skond *site plan* li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument RC2,** mit-30 ta' April 2006, gew gabellati lill-intimat Romano Cassar u lill-ibnu Ivan Cassar u dan bil-kera ta' Lm300 fis-sena pagabbli kull erba` xhur bil-quddiem kull l-1 ta' Jannar, l-1 ta' Mejju u l-1 ta' Settembru ta' kull sena u konsegwentement gialadarba rrizulta prima facie titolu ta' kera, din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tizgombra l-intimat Romano Cassar u ibnu Ivan Cassar mill-art in kwistjoni a tenur tal-Artikolu 1525 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandha tissopprasjedi sakemm it-titolu tal-intimat Romano Cassar u ibnu Ivan Cassar jigi konfermat o meno mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba`.

3. Illi l-intimat Ivan Cassar ghandu jigi kjamat in kawza stante illi huwa ghandu interess fl-ezitu ta' din il-kawza kif fuq indikat.

4. Illi kontrarjament ghal dak kif sostnut mir-rikorrenti, il-mejta Carmela Cassar, omm mil-kontendenti kienet uzufruttwarja tal-mejjet Laurence Cassar, missier il-kontendenti u koproprjetarja tal-istess, u dan kif jirrizulta mit-testment unica charta taghhom redatt min-Nutar Dottor John Spiteri Maempel tal-24 ta' Frar 1964 li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dokument RC3**.

5. Illi ai termini tal-Artiklu 340 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-uzufruttwarja dejjem kellha l-jedd li hija li ccedi t-tgawdija tal-fondi lilha mhollija in uzufrutt sia taht titolu gratuwitu u sia taht titolu oneruz multo magis meta hija kienet koprorjetarja. Illi fil-kaz odjern it-titolu huwa oneruz stante illi l-intimat Romano u Ivan Cassar qed ihallsu qbiela ta' €699 fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem kif fuq spjegat ferm aktar minn dak li jaghti is-suq rigwardanti il-qbiela tar-raba`.

6. Illi l-kirja agrikola hija regolata bil-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi ai termini tal-Att XXXI tal-1995, il-kiri ta' raba` wara l-1 ta' Gunju 1995 baqghu xorta kirjiet protetti bir-renova tal-istess kirja a tenur tal-istess Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta hawn fuq imsemmi.

7. Illi wara din l-Onorabbli Qorti tikkjama in kawza lill-Ivan Cassar u tibghat l-atti quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba`, l-intimat Romano Cassar m'ghandu ebda

oggezzjoni ghad-divizjoni tal-istess raba` basta li din tkun soggetta ghall-qbiela tar-raba` f'ismu u f'isem ibnu Ivan Cassar kif jirrizulta minn l-istess ricevuti tal-qbiela mit-30 ta' April 2006 'il quddiem li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala **Dokument RC4**.

8. Illi konsegwentement l-intimat Romano Cassar m'ghandux jizgombra mill-imsemmija art tal-Hemmieri bir-razzett, ghelieqi u gwiebi stante illi huwa ghandu titolu validu fil-Ligi ta' qbiela flimkien ma' ibnu Ivan Cassar u ghalhekk huwa m'ghandux jigi zgumbrat mill-imsemmija art.

9. Salv eccezzjonijiet ohra.'.

Rat ir-risposta ta' l-intimat George Cassar li taqra' kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti jirrileva illi filwaqt illi huwa jaqbel mal-fatti kif esposti fir-rikors promotur in kwantu jirrelataw ghall-porzjonijiet illi l-ahwa kontendenti ghandhom fil-proprjeta' in kwistjoni, l-istess proprjeta' ma tinsabx fil-pussess effettiv tal-esponenti b'dan illi qed tigi kkontestata bil-qawwa kollha l-allegazzjoni illi l-esponenti qieghed b'xi mod jokkupa l-istess fond li kkaguna xi dannu lill-atturi;

2. Illi konsegwentement, l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intjier taghhom bl-ispejjez kontra l-atturi.

3. Illi fir-rigward tar-raba', hames, sitt u seba' talba attrici, l-esponenti jirrimetti ruhu ghal kwalsiasi decizjoni illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti. Fir-rigward tar-raba', hames, sitt u seba' talbiet attrici, l-esponenti umilment jirrimetti ruhu ghal kwalsiasi decizjoni illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.'.

Rat illi fil-verbal tat-22 ta' Settembru, 2020 din il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Ivan Cassar b'dana li t-tielet eccezzjoni tal-intimat Romano Cassar giet dikjarat sorvolata.

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza Ivan Cassar li taqra kif isegwi:

1. 'Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-fond u ambjenti in kwistjoni skond *site plan* ezebita fil-process bhala **Dokument RC2**, mit-30 ta' April, 2006, gew gabellati lill-intimat Romano Cassar u lill-ibnu Ivan Cassar u dan bil-kera ta' Lm300 fis-sena pagabbli kull erba' xhur bil-quddiem kull 1 ta' Jannar, l-1 ta' Mejju u l-1 ta' Settembru ta' kull sena u konsegwentement gialadarba rrizulta prima facie titolu ta' kera, din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tizgombra l-intimat Romano Cassar u ibnu Ivan Cassar mill-art in kwistjoni a tenur tal-Artikolu 1525 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandha tissopprasjedi sakemm it-titolu tal-intimat Romano Cassar u ibnu Ivan Cassar jigi konfermat o meno mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'.

2. Illi kontrarjament ghal dak kif sostnut mir-rikorrenti, il-mejta Carmela Cassar, omm il-kontendenti u n-nanna ta' Ivan Cassar kienet uzufruttwarja tal-mejjet Laurence Cassar, missier il-kontendenti u koproprjetarju tal-istess, u dan kif jirrizulta mit-testment unica charta taghhom redatt min-Nutar Dottor John Spiteri Maempel tal-24 ta' Frar 1964 li kopja tieghu huwa diga ezebit fil-process bhala **Dokument RC3.**

3. Illi ai termini tal-Artikolu 340 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-uzufruttwarja dejjem kellha l-jedd hija li ccedi t-tgawdija tal-fondi lilha moghtija in uzufrutt sia taht titolu gratuwitu u sia taht titolu oneruz multo magis meta hija kienet koprorjetarja. Illi fil-kaz odjern it-titolu huwa oneruz stante illi l-intimat Romano u Ivan Cassar qed ihallsu qbiela ta' €699 fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem kif fuq spjegat ferm aktar minn dak li jaghti is-suq rigwardanti il-qbiela tar-raba'.

4. Illi l-kirja agrikola hija regolata bil-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi ai termini tal-Att XXXI tal-1995, il-kiri ta' raba' wara l-1 ta' Gunju 1995 baqghu xorta kirjiet protetti bir-renova tal-istess kirja a tenur tal-istess Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta hawn fuq imsemmi.

5. Illi l-atti ghandhom jintbghatu quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba', u l-eccipjenti jsostni li din id-divizjoni pretiza mill-kontendenti ahwa Cassar salv Ivan Cassar tkun dejjem soggetta ghall-qbiela tar-raba' f'ismu u f'isem missieru Romano Cassar kif jirrizulta minn l-istess ricevuti tal-qbiela mit-30 ta' April 2006 'il quddiem skond **Dokument RC4** fil-process.

6. Illi konsegwentement l-intimat Ivan Cassar m'ghandux jizgombra mill-imsemmija art tal-Hemmieri bir-razzett, ghelieqi u gwiebi stante illi huwa ghandu titolu validu fil-Ligi ta' qbiela flimkien ma missieru Romano Cassar u ghalhekk huwa m'ghandux jigi zgumbrat mill-imsemmija art.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.'.

Rat l-affidavits, xhieda, kopja tal-ktieb tal-kera, site-plan, testment *unica charta*, ricevuti tal-qbiela, kuntratti, statements ta' hlas mahruga mill-bank, kopji ta' cedoli ta' depositu, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' Frar, 2020 in vista tal-ewwel, t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimat Romano Cassar din il-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi fuq l-istess;

Rat illi fil-verbal tat-22 ta' Settembru, 2020 Dr Edward Debono ghall-intimat Romano Cassar insista fuq it-tielet eccezzjoni tieghu u cioe' li jigi kjamat fil-kawza Ivan Cassar u rat li l-Qorti wara li semghet ix-xhieda ta' Rita Zammit u Joseph Cassar u wara li rat l-ircevuti li ssemmew fl-istess xhieda, f'dak l-istadju qieset it-talba bhala wahda gustifikata u ghaddiet sabiex laqghet it-talba u ordnat li jigi kjamat fil-kawza Ivan Cassar u ordnat li jigi notifikat bir-rikors guramentat u ghaddiet sabiex iddikjarat it-tielet eccezzjoni ta' l-intimat Romano Cassar bhala sorvolata;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Mariano Cassar et intavolat nhar id-9 ta' Novembru, 2021 fejn permezz tieghu talbu li jigi appuntat espert

kalligrafiku sabiex (1) jikkonferma li l-kalligrafija tal-ircevuti tas-snin bikrin ma jikkonbacix ma' dawk l-ircevuti tas-snin passati u tas-snin ricenti u dan kemm fir-rigward tal-kontenut tal-istess ricevuti u kif ukoll fir-rigward tal-istess firma (kemm l-isem, il-kunjom u t-tahziza relattiva) uzata mal-medda tas-snin; (2) jikkonferma li hemm ricevuti li fl-istess ricevuta ssib kalligrafija differenti fil-kontenut tal-ircevuta ghal dik di fatti uzata fil-parti tal-isem u l-kunjom tal-firma; (3) jikkonferma li hemm ricevuti li t-tahziza tal-linji relattivi u parti mill-firma ma taqbilx mat-tahziza uzata f'ricevuti ohra, anke in vista tad-distakk bejn l-isem u l-istess tahziza ta' linji f'certi ricevuti, rat ir-risposta tal-intimati kif ivverbalizzata fil-verbal tad-9 ta' Novembru, 2021 u rat id-digriet moghti minn din il-Qorti datat 11 ta' Novembru, 2021 fejn f'dak l-istadju qieset li t-talba sabiex jigi nominat espert kaligrafiku hija gjustifikata u tghaddi sabiex tinnomina lill-espert Joseph Mallia sabiex wara li jiehu konjizzjoni tad-dokumentazzjoni necessarja mill-atti u wkoll iwettaq seduta mal-partijiet sabiex jigbor l-inkartament li jkollu bzonn ai fini tar-relazzjoni tieghu jghaddi sabiex jirrelata dwar it-tlett talbiet kif kontenuti fir-rikors;

Rat ir-rapport tal-Espert Tekniku Joseph Mallia pprezentat fl-atti nhar it-3 ta' Mejju, 2022 u mahluf nhar il-31 ta' Awwissu, 2022 a fol. 342 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 18 ta' Mejju, 2023 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni preliminari fuq l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimat Romano Cassar u fuq l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza Ivan Cassar bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi d-decizjoni odjerna hija wahda preliminari fejn ser titratta l-eccezzjoni dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti li tizgombra lill-intimati u l-kjamat in kawza minn porzjon art maghrufa bhala 'Tal-Hammieri' fil-limiti ta' Hal Qormi billi l-intimati/kjamat in kawza eccepew li jgawdu titolu ta' qbiela fuqha.

Illi l-kwistjoni odjerna hija dwar porzjon art maghrufa bhala 'Tal-Hammieri' komposta minn razzett bl-ghelieqi u gwiebi ta' mieghu bl-indirizz bin-numri 90 u 94 fi Triq ix-Xitwa, Qormi. Ir-rikorrenti jippremettu li din il-porzjon art flimkien mal-ambjenti ta' maghha hija proprjeta' tal-kontendenti partijiet. Jispjegaw li din l-art originarjament kienet proprjeta' tan-nanniet taghhom certi Romano u Modesta konjugi Cassar u li kienet giet diviza bejn it-tlett (3) ulied taghhom Lawrence, Michele u Paolo lkoll ahwa Cassar. Sussegwentement Lawrence Cassar – missier il-partijiet, fiz-zwieg, kien akwista sehem hutu biex b'hekk gie proprjetarju tas-sehem shih. Jispjegaw li dan kien ifisser li missierhom kellu l-kwota ta' terza (1/3) proprjeta' parafernali tieghu, filwaqt li z-zewg terzi (2/3) l-ohra kienu formanti parti mill-komunjoni tal-akwisti flimkien ma' martu Carmela Cassar. Ir-rikorrenti jghidu illi missierhom Lawrence Cassar kien irregola l-wirt u successjoni tieghu permezz ta' testment *unica charta* tal-24 ta' Frar, 1964 fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri Maempel (fol. 108) fejn fl-ewwel artikolu kien halla lil martu Carmela Cassar l-uzufrutt tal-generalita' tal-beni tieghu kollha. Filwaqt li fir-raba' artikolu kien innomina u istitwixxa b'eredi universali proprjetarji u padruni assoluti taghhom fi kwoti ugwali bejniethom lil uliedu nati u naxxituri kollha.

Illi r-rikorrenti jghidu illi l-intimati jallegaw illi Carmela Cassar kienet allokatilhom l-art mertu tal-kawza odjerna b'titolu ta' kirja u nfatti qeghdin jokkupaw l-art bl-allegat titolu ta' kera. Isostnu li l-mejta ommhom Carmela Cassar ma setghet qatt talloka l-ebda titolu ta' kera fuq din l-art billi hija kienet biss ko-proprjetarja u ghalhekk l-allegat titolu li sar favur l-intimati ma seta' qatt ikun wiehed validu u maghmul skont il-ligi. Ghalhekk ir-rikorrenti pprocedew bil-kawza odjerna fejn talbu li jigi dikjarat li l-intimati qeghdin jokkupaw l-art maghrufa bhala 'Tal-Hammieri' komposta minn razzett bl-ghelieqi u gwiebi ta' mieghu li jgib l-indirizz 90 u 94 fi Triq ix-Xitwa, Hal Qormi minghajr titolu validu fil-ligi. Talbu li l-intimati jigu kkundannati sabiex jizgumbraw mill-imsemmija art fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss. Talbu wkoll li l-intimati jigu kkundannati responsabbli versu kwalunkwe dannu kkagunat lilhom a kawza tal-agir taghhom. Ir-rikorrenti talbu wkoll li jigi dikjarat li l-porzjon art deskritta hija in komunjoni bejn il-kontendenti partijiet kollha u li tigi diviza okkorrendo permezz ta' periti nominandi fi kwoti ugwali, tenut kont tas-superfici, valur, accessibilita' u uzu tal-art. Finalment talbu li l-Qorti tassenja l-kwoti hekk divizi lill-kontendenti partijiet u tinnomina Nutar sabiex jircievi u jippublika l-att opportun u kuratur ghall-eventwali kontumaci.

Illi l-intimati Joseph Cassar u Romano Cassar it-tnejn li huma fost eccezzjonijiet ohra laqghu billi dwar it-talba relatata mal-izgumbrament eccepew illi huma jgawdu titolu ta' kera fuq l-art mertu tal-kawza odjerna. L-intimat Romano Cassar fit-tieni eccezzjoni kompla billi eccepixxa li gialadarba rrizulta *prima facie* titolu ta' kera, din il-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni sabiex tizgombra lilu u lil ibnu Ivan Cassar mill-art in kwistjoni a tenur tal-Artikolu 1525 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk

ghandha tissoprasjedi sakemm it-titolu tal-intimat Romano Cassar u ibnu Ivan Cassar jigi konfermat o meno mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tal-Raba'. L-istess eccezzjoni bhal dik ta' l-intimat Romano Cassar tqajmet ukoll mill-kjamat in kawza Ivan Cassar fir-risposta guramentata tieghu ntavolata fit-3 ta' Dicembru, 2020 (fol. 216).

Il-Qorti f'dan l-istadju ser tghaddi sabiex titratta l-eccezzjonijiet relatati mal-kompetenza.

**L-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimat Romano Cassar u l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza Ivan Cassar – kompetenza *ratione materiae* tal-Qorti:**

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni l-intimat Romano Cassar eccepixxa li l-fond in kwistjoni ilu mqabbel lilu mill-1975 kif jirrizulta mill-kotba tal-qbiela mill-uzufruttwarja u proprjetarja Carmela Cassar u ghalhekk huwa ma jistax jigi zgumbrat mill-art, serrer, gwiebi u razzett bin-numru 90 u 94 fi Triq ix-Xitwa, Hal Qormi. Fit-tieni eccezzjoni jeccepixxi li d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-fond u l-ambjenti in kwistjoni mit-30 ta' April, 2006 gew gabellati lill-intimat Romano Cassar u lill-ibnu Ivan Cassar u dan bil-kera ta' tlett mitt lira (Lm 300) tal-munita l-antika fis-sena pagabbli kull erbgha (4) xhur bil-quddiem u konsegwentement gjaladarba rrizulta *prima facie* titolu ta' kera, din il-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni sabiex tizgombra l-intimat Romano Cassar u ibnu Ivan Cassar mill-art in kwistjoni a tenur tal-Artikolu 1525 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandha tissoprasjedi sakemm it-titolu tal-intimat Romano Cassar u ibnu Ivan Cassar jigi konfermat o meno mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'. L-ewwel eccezzjoni tal-

kjamat in kawza Ivan Cassar hija identika ghat-tieni eccezzjoni tal-intimat Romano Cassar.

Illi in vista ta' dawn l-eccezzjonijiet, dak li ghandha tinvestiga din il-Qorti huwa jekk effettivament tezistix qbiela jew le fuq l-art maghrufa bhala 'Tal-Hammieri' komposta minn razzett bl-ghelieqi u gwiebi ta' mieghu bl-indirizz bin-numri 90 u 94 fi Triq ix-Xitwa, Qormi. Jekk tirrizulta qbiela din il-Qorti ma tkunx kompetenti li tordna l-izgumbrament tal-intimati, filwaqt li jekk ma tirrizultax qbiela, ikun ifisser li l-intimati qeghdin jokkupaw l-art u l-ambjenti taghha minghajr titolu validu fil-ligi u ghalhekk konsegwentement il-Qorti odjerna tkun kompetenti li tiddeciedi dwar l-izgumbrament.

Illi l-intimat Romano Cassar u l-kjamat fil-kawza Ivan Cassar fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom isostnu illi Carmela Cassar, omm il-kontendenti u n-nanna ta' Ivan Cassar, kienet uzufruttwarja tal-mejjet Laurence Cassar u komproprjetarja tal-art in kwistjoni. Isostnu li l-uzufrutt a favur Carmela Cassar ghat-tgawdija tal-beni kollha ta' Laurence Cassar huwa fatt krucjali billi ai termini tal-Artikolu 340 tal-Kodici Civili l-istess Carmela Cassar, bhala uzufruttwarja, hihja kellha s-seta' li ccedi t-tgawdija tal-jedd taghha b'titolu kemm wiehed gratuwitu, kif ukoll wiehed oneruz ossia setghet tikri l-art in kwistjoni, kif fil-fatt ghamlet fil-konfront ta' Romano Cassar u hutu Joseph u George Cassar u sussegwentement lil ibnu Ivan Cassar mit-30 ta' April, 2006 il-quddiem fejn bdiet tinkludieh fl-ircevuti tal-pagamenti regolari li kienu jsiru favur Romano u Ivan Cassar.

Illi bhala prova dokumentarja tal-qbiela l-intimat Romano Cassar ressaq kopja tal-ktieb tal-kera li jibda mit-13 ta' Settembru, 1975 u li jibqa sejjer sal-31 ta' Awwissu, 2012 a fol. 16 et seq tal-process.

Inizjalment il-kliem uzat fl-ircevuta kien wiehed semplici u maz-zmien il-kliem uzat fl-ircevuta zdied. Il-Qorti ser tikkwota *ad verbatim* tlett (3) verzjonijiet ta' ricevuti li nghataw fi snin diversi ghal ahjar intendiment.

' 13-9-75

Il-lum ircivejt is somma ta' £10 Liri, ta' tlett gimghat kera, ta' xoghol fir-Raba minghand Rommy Cassar.

Ommu Carmen Cassar'.

' 1.5.86

Jiena hawn taht iffirmata qieghda nircievi minn ghand Romano Cassar, is-somma ta' Lm58-00 kera ta' erba xhur pagabbli bil-quddiem, bhala kera tas-serer u r-raba li qeghdin f'94, Triq ix-xitwa, Qormi ghal-perjodu mill 1/5/86 sal-31/8/86

Carmela Cassar'.

' 30-04-06

Jiena hawn taht iffirmata qieghda nircievi minghand Romano Cassar I.D.1001944(M) u minghand ibnu Ivan Cassar I.D.189378(M) is-somma ta' mitt lira (Lm100-00) bhala kera ta' erba' xghur ghal perjodu ta' bejn 1 ta' Mejju 2006 sal 31 ta' Awwissu 2006, pagabbli bil-quddiem ta serer u raba', li jinkludi razzett u gwiebi fil-propjetajiet 94 u 90, Triq ix-Xitwa, Qormi, kif ukoll ta' raba fi sqaq Santu Wistin, Qormi

Carmela Cassar'.

Illi l-intimat Romano Cassar ressaq kopja ta' cedola ta' depositu (fol. 164) fejn permezz taghha ddeposita l-qbiela bejn l-1 ta' Jannar, 2016 sal-31 ta' Dicembru, 2020 dovuta fuq l-art maghrufa bhala 'Tal-Hammieri' komposta mir-razzett bl-ghelieqi u gwiebi li jgibu l-indirizz 90 u 94 fi Triq ix-Xitwa, Hal Qormi, kif ukoll raba' iehor fi Sqaq Sant'Wistin, Hal-Qormi.

Illi l-intimat Romano Cassar ressaq ukoll ix-xhieda tieghu u ta' ibnu l-kjamat in kawza permess ta' affidavit a fol. 129 et seq tal-process. Illi l-intimat Romano Cassar dwar il-qbiela jixhed kif isegwi:

> 'Illi jiena u ibni nahdmu fir-raba' u s-serrer u nkabbru l-fjuri u l-pjanti fir-razzett 90 u 94, Triq ix-Xitwa, Hal-Qormi.
>
> ...
>
> Illi din ir-raba bil-qbiela hija maqsuma bejna t-tlett ahwa u kulhadd jahdem il-parti tieghu, waqt li r-raba' frank in parte gie mqabbel lili u lill-ibni minn ommi skond ir-ricevuta "Dokument RC2", u dan fit-30 ta' April 2006, u in parti il hija George u lili hija l-iehor Joseph.
>
> Illi jiena u ibni Ivan nhallsu qbiela ta' Lm300.00c fis-sena, pagabbli kull erba' xhur bil-quddiem, kull l-1 ta' Jannar, l-1 ta' Mejju u l-1 ta' Settembru ta' kull sena, lin-nanna u issa lill-eredi taghha, u qed npogguhom il-Qorti kontra l-eredi kollha.

Illi din il-qbiela bqajna nhallsuha kull sena sakemm mietet ommi, tant li kienet tohrogilna ricevuti ghall-istess li huma ezebiti fl-attita' din il-kawza, u cioe' sa' Dicembru 2012. Wara l-2012, l-eredi ma accettawx aktar qbiela minghand missieri u minghandi. L-istess ghamlu ghar-rigward ir-raba frank li kellu z-ziju Joseph.

Illi kif jirrizulta mit-testment t'ommi u missieri, Lawrence u Carmela Cassar, missieri li kien miet qabel ommi, kien halliha uzufruttwarja ta' gidu kollu, kif jirrizulta mit-testment tal-24 ta' Frar 1964 fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri Maempel, Dokument RC3 fil-process u l-aggunta tat-8 ta' Ottubru 1979 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, Dokument DB1 fil-process.

Illi ommi ghalhekk, kif qalli l-avukat tieghi, setghet tikrilna u qabblilna r-raba in kwistjoni, kif fil-fatt ghamlet wara li miet missieri. Missieri miet fit-22 ta' Ottubru 1967 u jiena bdejt nhallas il-qbiela tar-raba minn Settembru 1975 kif jirrizulta mir-ricevuti ezebiti fl-atti.

...

Illi r-raba frank l-mama kienet krietulna qabel, fl-1975, u kont nhallasha Lm300.00c fis-sena u bqajt naghmel hekk flimkien ma' ibni sakemm mietet. Illi dawn il-flus kont naghtihom lil ohti Rita meta l-mama' xjahet u ma setghetx tibqa' tmur il-bank, biex tiddepositahhom fil-fond ta' ohti Rita biex thallsilha l-bzonnijiet tal-mama'. Rita kienet tamministra hwejjeg il-mama'. Dan jista' jigi kkonfermat minn Rita u minn huti kollha li kienu jafu b'dan l-arrangament. Jiena kont nhallas bic-cheque u ha nipprova nsib l-ahhar pagamenti li ghamilt lill-mama.

> Illi huti George u Joseph, l-intimati l-ohra fil-kawza, kienu jaghmlu l-istess u kienu jghaddu l-flus lil Rita.
>
> Illi ahna kerrejja tal-fondi lilna gabellati, nahdmu r-raba b'mod regolari ghat tkabbir tal-pjanti u fjuri.'.

Illi l-kjamat in kawza Ivan Cassar xehed l-istess bhal missieru fejn ikkonferma li huwa flimkien ma' missieru jhallsu l-qbiela ta' tlett mitt lira Maltin (Lm 300) pagabbli kull erba' xhur bil-quddiem lin-nanna u in segwitu ghal mewt taghha bdew ihallsu lill-eredi u llum jiddepositawhom il-Qorti. Isostni wkoll illi peress li n-nannu Laurence Cassar halla l-uzufrutt lin-nanna, kif jirrizulta mit-testment tal-24 ta' Frar, 1964 atti Nutar John Spiteri Maempel u l-aggunta tat-8 ta' Ottubru, 1979 atti Nutar Gerard Spiteri Maempel in-nanna ghalhekk setghet tikrilhom u tqabblilhom ir-raba' in kwistjoni u kif fil-fatt ghamlet wara li miet in-nannu.

Illi l-kjamat in kawza permezz ta' nota ntavolata nhar is-7 ta' Frar, 2023 ipprezenta kopja tal-hlasijiet li saru fil-kont bankarju tar-rikorrenti Rita Zammit relatati ma' hlasijiet ta' qbiela (fol. 491).

Fl-atti xehed ukoll l-intimat Joseph Cassar a fol. 167 et seq u a fol. 252 et seq tal-process li kkonferma li fil-konfront tieghu hemm ukoll qbiela u pprezenta kopja tal-ircevuti li jibdew mit-13 ta' Jannar, 1997 u li jibqghu sejrin sal-20 ta' Settembru, 2012 a fol. 225 et seq tal-process. L-intimat Joseph Cassar ipprezenta wkoll dikjarazzjoni (l-intimat isejhilha skrittura privata) maghmula mill-mejta Carmela Cassar (fol. 224) fejn permezz taghha hija ddikjarat u kkonfermat fost affarijiet ohra illi l-art mertu tal-kawza odjerna maghrufa bhala 'Tal-Hammieri' hija franka u li t-tfal taghha Romano, George u Joseph ihallsu l-qbiela lilha. Ikkonfermat li fis-

sena 2001 George ceda sehmu mill-qbiela fuq l-art lil Joseph bil-kunsens tal-partijiet l-ohra. F'din id-dikjarazzjoni ikkonfermat ukoll illi Romano jhallas il-qbiela ta' tlett mitt lira (Lm 300) tal-munita l-antika, filwaqt li Joseph ihallas is-somma ta' sitt mitt lira (Lm 600) tal-munita l-antika bhala qbiela. Id-dikjarazzjoni hija ffirmata minn Carmela Cassar u jidher li din id-dikjarazzjoni giet mahlufa quddiem in-Nutar Tonio Cauchi. L-intimat Joseph Cassar xehed in kontro-ezami fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2022 (fol. 479) fejn sostna li huwa ghandu titolu ta' qbiela fuq l-art u li ilu jhallasha snin. Permezz ta' nota tal-21 ta' Frar, 2023 l-intimat Joseph Cassar ipprezenta kopja ta' cekkijiet li huwa hareg ghal hlas tal-qbiela liema cekkijiet jirrizulta li hargu favur Rita Zammit u huma datati ghas-snin 2010, 2011 u 2012 (a fol. 508 et seq tal-process).

L-intimati ressqu wkoll bhala xhud lir-rikorrenti Rita Zammit (fol. 172 et seq u a fol. 318 et seq tal-process). Ix-xhud giet mistoqsija u ezaminata dwar il-fatt illi hija kienet tircievi l-hlas tal-qbiela fuq ir-raba' in kwistjoni meta l-omm Carmela Cassar ma kinitx ghadha f'posizzjoni li tircievi l-hlasijiet. Ix-xhud Rita Zammit ikkonfermat illi hija kienet tircievi l-flus pero' ssostni li hija ma kinitx taf ta' xiex kienu jkunu dawk il-hlasijiet. Tghid illi hija ma kinitx taf li kien imdahhal Ivan Cassar u saret taf biss wara l-mewt ta' ommha Carmela Cassar.

Illi r-rikorrenti Rita Zammit fl-istadju tal-provi taghha ressqet ix-xhieda taghha permezz ta' affidavit (fol. 289) fejn dwar il-qbiela xehdet kif isegwi:

> 'Illi fir-rigward ta' din ir-raba li fil-prezent qieghed jigi allegat illi kienet imqabbla, nghid illi jien u huti, minkejja li ahna konna ko-proprjetarji taghha, qatt ma kellna xi suspett

illi din ir-raba kienet giet moghtija b'xi forma ta' titolu ufficjali lil xi hadd minn ommi.

Nghid illi minkejja illi kont naf li din ir-raba kienet qieghda tintaza minn Joseph u Romano Cassar, biss fl-ebda mod ma ma jfisser illi jien kont naf illi setgha kien hemm xi qbil jew allegat ftehim m'ommi fir-rigward ta' xi qbiela. Jien u huti l-ohra konna nahsbu illi dawn kienu sempliciment qeghdin juzaw din ir-raba b'mera tolleranza u xejn izjed.

Illi propju f'dan ir-rigward nixtieq inzid ukoll illi kemm jien u kif ukoll huti l-atturi konna ghandna ferm zghar fl-eta' hekk kif kellna inqas minn circa hmistax (15) –il sena, fiz-zmien li meta huti l-atturi qeghdin jallegaw xi titolu ta' qbiela. Jigifieri bir-rispett dovut, bl-ebda mod ma jista' qatt jghidu l-atturi illi ahna kellna xi hjiel dwar dan. Bhalma diga' ghidt u ser nerga' nispecifika, minkejja illi huwa vera li kont nara lil huti l-konvenuti juzaw din l-art, dan nghid li kienu qed jaghmluh bhala xoghol ghal ommi u in fatti niftakar ukoll illi ta' sikwit kienu jigu d-dar t'ommi u jhallulha wkoll diversi hxejjex varji li jkunu tkabbru f'din ir-raba stess. Dan juri izjed u izjed kemm dak li qeghdin jghidu huti m'huwiex minnu!'.

Ix-xhieda tar-rikorrenti Rita Zammit giet ikkonfermata fl-intier taghha mir-rikorrenti l-ohra Mariano Cassar (fol. 295) u Modesta Camilleri (fol. 296).

Il-Qorti rat li fil-mori tal-kawza gie wkoll nominat l-Espert kalligrafiku Joseph Mallia billi qamet il-kwistjoni jekk il-firem u l-kitba fuq l-ircevuti kinux ta' Carmela Cassar jew le. L-espert ipprezenta r-rapport tieghu nhar it-3 ta' Mejju, 2022 u halef l-istess

fil-31 ta' Awwissu, 2022 a fol. 342 et seq tal-process. L-espert tekniku Mallia wasal ghal konkluzjoni li dwar l-ircevuti datati 25.10.1975 sal- 31.12.2004 huma pozittivament kompatibbli ma' l-istess punti karatteristici li gew identifikati fil-kors tal-kitba tal-firma tal-mejta Carmela Cassar. Dwar l-ircevuti datati 31.08.2005 sal-31.08.2012 gew identifikati punti karatteristici kompatibbli fil-kostruzzjoni biss fil-firem ta' Carmela Cassar. Fix-xhieda tieghu in eskussjoni fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2023 (fol. 497) specifika r-raguni l-ghaliex ma setghax jikkonferma l-kompatibbilita' tal-firem billi qal illi huwa ma kellux a disposizzjoni l-firma tad-defunta Carmela Cassar u ghalhekk ma setghax iqabbel mal-firma taghha sabiex mhux biss ikun hemm kompatibilita' fil-kostruzzjoni izda wkoll ikun hemm kompatibilita' fil-punti karatteristici.

Illi fil-mori tal-kawza xehed ukoll l-intimat George Cassar fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2023 (a fol. 518 et seq tal-process) fejn iddikjara li huwa ilu wiehed u erbghin (41) sena nieqes mir-raba' in kwistjoni. Ix-xhud ikkonferma wkoll li kienu jhallsu l-qbiela lil ommhom Carmela Cassar.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawza, partikolarment il-provi elenkati precedentement, tqis li l-intimati u l-kjamat in kawza ressqu provi sal-grad rikjest mil-ligi li effettivament kienu jgawdu minn titolu ta' qbiela moghtija lilhom mill-mejta Carmela Cassar u dan ai termini tal-Artikolu 340 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt l-artikolu 340 tal-Kodici Civili jiddisponi illi l-uzufruttwarju jista' jcedi t-tgawdija tal-jedd tieghu bhal f'dan il-kaz b'titolu oneruz, billi kif jirrizulta l-intimati/kjamat fil-kawza kienu jhallsu l-qbiela fl-ammont

kumplessiv ta' disa' mitt lira (Lm 900) tal-munita l-antika. Madanakollu l-Qorti tqis li tali qbiela spiccat fl-gheluq it-tmien (8) snin ai termini tal-Artikolu 341 tal-Kodici Civili hekk kif dan jiddisponi li l-kiri tal-beni jibqa' jsehh ukoll wara li jispicca l-uzufrutt, jekk kemm il-darba il-kiri jkun sar taht kondizzjonijiet gusti u ghal zmien ta' mhux aktar minn tmien (8) snin fil-kaz ta' raba'.

Fil-kaz odjern jirrizulta li l-uzufruttwarja Carmela Cassar ghaddiet taht titolu ta' qbiela mhux biss il-kwota proprjeta' taghha dik ta' terz (1/3), pero' ghaddiet ukoll il-kwota ta' zewg terzi (2/3) proprjeta' ta' wliedha l-kontendenti fil-kawza odjerna li dderivat ghandhom mill-wirt u successjoni ta' missierhom Laurence Cassar. L-intimati Joseph Cassar u Romano Cassar malgrad illi llum huma pensjonanti jippretendu li ghandhom jibqghu jokkupaw il-proprjeta' ossia l-art, serrer, gwiebi u razzett bin-numru 90 u 94 fi Triq ix-Xitwa, Hal Qormi *ad eternum* billi r-raba' tghaddi wkoll f'idejn uliedhom u dan bil-qbiela ta' disgha mitt lira (Lm 900) tal-munita l-antika. Dan il-punt hareg mix-xhieda tal-kjamat in kawza Ivan Cassar datata 6 ta' Lulju, 2022 a fol. 329 et seq tal-process fejn stqarr illi n-nanna dahlet lilu fil-qbiela sabiex isserrah rasha billi dak kien l-ghajxien tieghu:

> 'Xhud: Hekk hu. U ovvjament in-nanna dahhlet lili wkoll fil-ktieb tal-qbiela. Sabiex ikolli mohhi mistrieh ovvjament ghax jiena dan kien l-ghajxien tieghi u hi riedet taghmel cert li ovvjament inkun nista,.'.

Illi l-Qorti tqis li dan m'huwiex legalment possibli stante li ai termini tal-Artikolu 341 tal-Kodici Civili gjaladarba l-proprjeta' kienet wahda in parte mizmuma b'titolu ta' uzufrutt il-massimu li l-intimati/kjamat in kawza setghu jkomplu jgawdu l-qbiela kienet

ghal perijodu ta' tmien (8) snin – perijodu li fil-kaz odjern ghadda billi jirrizulta li l-uzufrutt spicca fis-sena 2012[1]. Sabiex jitqies jekk kirja maghmula minn uzufruttwarju saritx taht kundizzjonijiet gusti, jrid jigi ezaminat ukoll jekk il-bonus paterfamilias illi jkun sid tal-haga kienx jikriha fiz-zmien meta kriha l-uzufruttwarju taht dawk il-kundizzjonijiet. Fil-fehma tal-Qorti ma jistax jinghad li l-kundizzjonijiet tal-qbiela odjerna kienu gusti billi kirja maghmula ghal perijodu mhux determinat u kwantum ta' kera fiss ta' art ta' daqs mhux zghir, serrer, gwiebi u razzett fl-ammont ta' disgha mitt lira Maltin (Lm 900) ekwivalenti ghas-somma ta' elfejn sitta u disghin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€2,096.44) ma tista qatt titqies bhala wahda gusta.[2] Il-Qorti tqis li huwa opportun li tikkwota mid-decizjoni kwotata mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fl-ismijiet **Bernard Bugeja et -vs- Carmen mart Michele Lanteri et** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-4 ta' April, 2001 fejn inghad is-segwenti:

> 'Fil-fehma ta' din il-Qorti l-gustizzja ta' dawn il-kondizzjonijiet kellha temani mill-fatt illi kien obbligu ta' min kellu f'idejh propjeta' b'titolu temporanju u kien qieghed jikkoncediha lit-terz b'titolu ta' kiri, b'mod li b'tali negozju seta' kien qed jorbot lis-successuri tieghu fit-titolu, illi jagixxi *uti bonus pater familias* u li jassigura li dak in-negozju ma jkunx pregudizzjevoli ghall-interessi ta' min kellu jissuccedih, f'dan il-kaz ta' l-atturi. Il-gustizzja tal-kondizzjonijiet kellha wkoll naturalment tkun inter alia rifless tan-natura tan-negozju, tar-rejaltajiet ekonomici ezistenti fil-mument meta dan jigi konkjuz, taz-zmien meta

---

[1] Ara deposizzjoni ta' l-intimat Romano Cassar a fol. 129 et seq tal-process billi xehed illi l-ahhar ricevuta li harget ommu Carmela Cassar kienet ta' Dicembru 2012 u wara l-2012 l-eredi ma accettawx aktar il-qbiela.

[2] Ara f'dan is-sens id-decizjoni **Gemma mart Joseph Brawnrigg et -vs- Angelo Grima et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Gunju, 2002.

sar il-ftehim in relazzjoni ma' dak li fih il-lokatur kellu jgawdi l-fond, ta' l-istat ta' dritt li kien jezisti allura u li kien jirregola l-kiri tal-fond tax-xorta taht ezami u li ddefinilu l-potenzjal ekonomiku tieghu. Dan b'mod li wiehed ikun jista' jghid illi min kien qed izomm il-haga b'titolu temporanju kien, bil-ftehim, qieghed jaghmel att ta' amministrazzjoni gusta tal-proprjeta' li fl-ahhar mill-ahhar kienet ta' haddiehor.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, filwaqt li kellhom ikunu l-kriterji tangibbli, marbuta maz-zmien meta tkun saret il-kirja, li kellhom jiddeterminaw il-verifika tal-gustizzja tal-kondizzjonijiet li tahthom tkun saret il-kirja, l-apprezzament ta' dawk il-kriterji kien ghal kollox imholli f'idejn il-Qorti. Apprezzament li kellu jkun wiehed oggettiv, kemm jista' jkun bazat fuq elementi fattwali, imma li mhux eskluz illi jkun jinvolvi wkoll indagini soggettiva dwar l-elementi li jkunu iddeterminaw l-"idem placitum consensus" meta jkun gie finalizzat il-ftehim tal-kiri.

Din il-Qorti hi wkoll tal-fehma li l-gustizzja tal-kondizzjonijiet kellha allura tigi stabbilita minn ezami komplessiv tal-ftehim kollu tal-kiri u tal-kondizzjonijiet kollha li ghalihom ikun suggett. Il-ligi ma torbotx il-gustizzja tal-kiri ma' xi element partikolari, bhall-quantum tal-kera (anke jekk dan kien element essenzjali tal-lokazzjoni), jew id-dritt ta' sullokazzjoni, jew l-obbligu li jsiru benefikati. It-test veru, fil-fehma ta' din il-Qorti, kellu jkun fir-risposta ghad-domanda jekk il-ftehim, fil-komplessita tieghu, kienx jitqies vantaggjuz mis-successur fit-titolu li kieku kien qed jaghmlu hu flok il-lokatur. Minn dan seta' jigi stabbilit jekk il-kirja kienetx that kondizzjonijiet gusti jew ingusti. Dan ifisser ukoll li min kellu l-fond f'idejh b'titolu temporanju kellu fil-

mument meta kkonceda l-fond b'titolu ta' kera, jissalvagwardja mhux biss l-interessi tieghu, imma wkoll l-interessi tas-successuri tieghu fit-titolu. Naturalment sakemm dan kien umanament u ragonevolment possibbli u kredibbli u dejjem jekk kien il-hsieb tieghu li l-kuntratt ta' kiri li jkun ghamel kellu jorbot lis-successuri tieghu fit-titolu. Altrimenti kien liberu li jiddisponi kif ried minn dik li f'dak iz-zmien kienet proprjeta' tieghu, fis-sens li seta' jiddisponi minnha liberament favur terzi fil-limiti bil-ligi stabbiliti.'.

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tqis li kwalunkwe qbiela li l-intimati setghu kienu jgawdu fuq l-art, serrer, gwiebi u razzett bin-numru 90 u 94 fi Triq ix-Xitwa, Hal Qormi llum m'ghadiex in vigore u ghalhekk isegwi li l-intimati/kjamat in kawza qeghdin jokkupaw l-art minghajr titolu validu fil-ligi. Gialadarba rrizulta li l-intimati/kjamat in kawza m'ghandhomx titolu validu fil-ligi din il-Qorti ghandha l-kompetenza li tkompli tisma l-kaz odjern u ghalhekk ser tghaddi sabiex tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-eccezzjonijiet in kontestazzjoni billi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimat Romano Cassar u l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza Ivan Cassar relatati mal-kompetenza *ratione materiae* tal-Qorti u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez jigu decizi mas-sentenza finali.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' April, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' April, 2024**